Ġunju 2021

## Il-Malti Bħala Lingwa Barranija

# L-Assessjar Kontinwu u l-Kriterji Tiegħu

## Ir-4 Sena

# Assessjar tal-Malti bħala Lingwa Barranija

# Ir-Raba' Sena tal-Primarja

# Sillabu 2019

<table>
<tr><th colspan="2">Assessjar Kontinwu 40%</th></tr>
<tr><td colspan="2">Skont il-kisbiet mit-tagħlim:</td></tr>
<tr><td>It-Taħdit (10 marki)<br><br>Il-marka globali li ġab l-istudent / Il-marka globali tat-taħriġiet kollha f'daqqa X 10</td><td>3 taħriġiet<br><ul><li>Taħdita qasira bbażata fuq preżentazzjoni/ċarts eċċ. bi stampi u mingħajr kliem dwar tema mgħallma magħżula mill-għalliem/a. (K1)(K4)(K5)(K6)</li><li>Attività fejn waqt role play l-istudenti jwieġbu għal telefonata. (K3)(K6)</li><li>Attività li tkun tinkludi eżerċizzju fejn l-istudent juri li jaf juża l-ħin, x-xhur u l-istaġuni bil-Malti. Eż- Jingħata kuntest bl-għajnuna ta' stampi, arloġġ u kalendarju biex iwieġeb għall-mistoqsijiet. (K2)(K6)</li></ul></td></tr>
<tr><td>Is-Smigħ (10 marki)<br><br>Il-marka globali li ġab l-istudent / Il-marka globali tat-taħriġiet kollha f'daqqa X 10</td><td>3 taħriġiet<br><ul><li>2 Eżerċizzji ta' fehim mis-smigħ (wieħed irrekordjat u ieħor bit-taħdit) bl-użu ta' kliem skont it-temi li jinkludu l-użu tal-ħin, xhur, staġuni u kliem marbut ma' direzzjonijiet ħfief. (K1)(K3)(K4)</li><li>Eżerċizzju fejn jintwera filmat qasir marbut mat-temi mgħallma jew il-gosti tal-istudenti li minnu l-istudenti jidentifikaw il-punti ewlenin b'eżerċizzju bħal veru jew falz, agħżel it-tajba eċċ. (K2)(K5)(K6)</li></ul></td></tr>
</table>

| **Il-Qari** (10 marki) | **3 taħriġiet** |
|---|---|
| Il-marka globali li ġab l-istudent / Il-marka globali tat-taħriġiet kollha f'daqqa X 10 | • Eżerċizzju ta' fehim mill-qari ibbażat fuq storja ħafifa jew poeżija qasira fejn l-istudenti juru x'fehmu billi jwieġbu għall- mistoqsijiet. **(K1)(K2)**<br>• Eżerċizzju ta' fehim mill-qari marbut mat-temi u l-ġeneri mgħallma fejn l-istudenti juru x'fehmu billi jwieġbu għall-mistoqsijiet. **(K3)(K4)**<br>• Qari mgħajjat ta' test mibni fuq sentenzi qosra skont it-temi mgħallma b'attenzjoni għall-għeliem tal-Malti, l-punteġġjatura u l-qari ta' ħin li jista'ma jkunx miktub fi kliem. **(K4)(K5)(K6)** |
| **Il-Kitba** (10 marki) | **3 taħriġiet** |
| Il-marka globali li ġab l-istudent / Il-marka globali tat-taħriġiet kollha f'daqqa X 10 | • **3** Kitbiet ta' madwar 60 kelma marbuta mat-temi mgħallma jew mal-gosti tal-istudenti bl-użu ta' verbi, aġġettivi, kliem għaqqiedi u aspetti tal-metalingwa li nkun tgħallimt minn qabel. **(K1-K6)** |

NOTA: L-għalliem huwa fil-libertà li jagħmel dawn it-taħriġiet tal-assessjar meta jħoss li huwa l-mument opportun u skont il-pjan ta' ħidma li jkun fassal. Huwa madanakollu rrakkomandat li jsir taħriġ minn kull ħila f'kull term. Għalkemm it-taħriġ għandu jingħata wara li l-istudenti jkunu tgħallmu u tħarrġu, m'għandu qatt jinħoloq ambjent ta' ttestjar formali. L-istudenti għandhom ikomplu jaħdmu fuq dan it-taħriġ bħala parti mill-proċess tat-tagħlim.

Għal skop ta' standardizzazzjoni fl-assessjar, l-għalliem għandu jużа l-kriterji tal-assessjar li jikkumplimentaw dan id-dokument għat-taħdit, il-qari mgħajjat u l-kitba.

# Il-Kriterji tal-Assessjar Kontinwu - MLB (40%)

Għall-assessjar kontinwu jinħareġ biss fuq dawn il-kriterji u huma se jkunu l-evidenza ewlenija li tinżamm fil-fajl tal-assessjar kontinwu. Tista' tinġabar evidenza oħra tal-preżentazzjonijiet, bħal ppt, ċarts, karti tat-taħriġ, stampi, mudelli, u l-bqija. Dawn jistgħu jinżammu fil-fajl tal-istudent għall-fini ta' moderazzjoni. Meta l-għalliema jassessjaw iridu jirrapportaw dan il-progress fuq il-programm elettroniku **MySchool (MIS) jew l-e1**, u li l-ġenituri jkunu jistgħu jaċċessawh kull term.

---

# L-Assessjar Kontinwu - It-Taħdit - 4 sena MLB (10%)

**Il-Kriterji tal-Assessjar tat-Taħdit bil-Malti bħala lingwa Barranija**

**Id-data:** ______________________ **Is-sena: P4**

**Il-Kisba:** ______________________

**Il-klassi:** ______________________ **L-għalliem/a:** ______________________

**L-istudent/a:** ______________________

| Mhux milħuqa | Parzjalment milħuqa | Milħuqa b'mod sodisfaċenti | Milħuqa b'mod sħiħ |
|---|---|---|---|
| **1. Il-vokabularju** | | | |
| **0-1** | **2-3** | **4** | **5** |
| • Inħaddem **bi tbatija xi vokabularju** mgħallem lili minn qabel. | • Inħaddem **xi vokabularju** mgħallem lili minn qabel. | • Inħaddem **tajjeb għażla ta' vokabularju** mgħallem lili minn qabel. | • Inħaddem **b'kunfidenza vokabularju varjat** li jinkludi dak mgħallem lili u dak mhux. |
| **3. L-istruttura tad-diskors u t-tonalità** | | | |
| **0-1** | **2-3** | **4** | **5** |
| • **Nibni s-sentenzi bi tbatija** waqt li qed nitħaddet. | • Nibni **s-sentenzi** imma **ma nħaddimx it-tonalità addattata** skont kif jitlob il-ġeneru tat-taħdit. | • Nibni **s-sentenzi** u nuża **t-tonalità addattata** skont il-ġeneru tat-taħdit. | • Nibni **s-sentenzi** u nuża **t-tonalità addattata b'mod mexxej** u **b'kunfidenza** skont il-ġeneru tat-taħdit. |
| **Total minn 10 marki**<br><br>______________________ | | ______________________<br>**Firma tal-għalliem/a** | |

| Tqabbil tal-Marki mad-Deskritturi tal-Kisbiet |
|---|
| **0 - 3 marki** - Kisba mhux milħuqa |
| **4 - 6 marki** - Kisba parzjalment milħuqa |
| **7 - 8 marka** - Kisba milħuqa b'mod sodisfaċenti |
| **9 - 10 marki** - Kisba milħuqa b'mod sħiħ |

## L-Assessjar Kontinwu - Il-Qari - 4 sena MLB (10%)

**Il-Kriterji tal-Assessjar tal-Qari Mgħajjat bil-Malti bħala lingwa Barranija**

**Id-data:** ______________________________ **Is-sena: P4**

**Il-Kisba:** ____________________________________________________________

**Il-klassi:** ______________________________ **L-għalliem/a:** ________________________

**L-istudent/a:** __________________________

| Mhux milħuqa | Parzjalment milħuqa | Milħuqa b'mod sodisfaċenti | Milħuqa b'mod sħiħ |
|---|---|---|---|
| **0-1** | **2-3** | **4** | **5** |
| • Naqra **bi tbatija** vokabularju li ġie mgħallem lili minn qabel. | • Naqra vokabularju imma **mhux dejjem** nagħraf l-ittri tal-alfabett tal-Malti. | • Naqra **tajjeb** vokabularju li fih l-ittri tal-alfabett tal-Malti, li ġie mgħallem lili minn qabel. | • Naqra **b'kunfidenza** vokabularju li jinkludi fih l-ittri tal-alfabett Malti mgħallem lili u mhux. |
| | | | |
| **0-1** | **2-3** | **4** | **5** |
| • Naqra bi tbatija sentenzi qosra. | • Naqra sentenzi bi ftit żbalji u mhux dejjem nagħti kas tas-sinjali tal-punteġġjatura. | • Naqra tajjeb sentenzi u nagħti kas tas-sinjali tal-punteġġjatura. | • Naqra sentenzi b'kunfidenza u noqgħod attent/a għall-punteġġjatura u l-intonazzjoni. |

| **Total minn 10 marki** | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________<br>**Firma tal-għalliem/a** |

# L-Assessjar Kontinwu - Il-Kitba - 4 sena MLB (10%)

## Il-Kriterji tal-Assessjar tal-Kitba bil-Malti bħala lingwa Barranija

**Id-data:** ______________________________ **Is-sena: P4**

**Il-Kisba:** ________________________________________________________________

**Il-klassi:** ______________________________ **L-għalliem/a:** ______________________

**L-istudent/a:** __________________________

| Mhux milħuqa | Parzjalment milħuqa | Milħuqa b'mod sodisfaċenti | Milħuqa b'mod sħiħ |
|---|---|---|---|
| **1. Il-vokabularju** | | | |
| **0-1** | **2-3** | **4** | **5** |
| • **Ma nużax** il-vokabularju li tgħallimt. | Nuża l-vokabularju li tgħallimt imma **b'ħafna ripetizzjoni.** | **Nuża tajjeb** il-vokabularju li tgħallimt. | Nuża l-vokabularju li tgħallimt **b'mod kreattiv u xieraq.** |
| **2. L-ispellija tal-kliem** | | | |
| **0-1** | **2-3** | **4** | **5** |
| • **Inbati** biex nikteb kliem bil-Malti. | • Nikteb **tajjeb** vokabularju/frażijiet bil-Malti imma **niżbalja** fejn hemm l-ittri tal-alfabett tal-Malti. | • Nikteb **tajjeb** kliem/ frażijiet mgħallem lili minn qabel li **jinkludi** l-ittri tal-alfabett tal-Malti . | • Nikteb **tajjeb** vokabularju / frażijiet mgħallem lili minn qabel **u mhux, li jinkludi** l-ittri tal-alfabett tal-Malti. |
| **3. Il-punteġġjatura** | | | |
| **0-1** | **2-3** | **4** | **5** |
| • **Ma nużax** punteġġjatura fil-kitba tiegħi. | • Nuża l-punteġġjatura imma **mhux b'mod konsistenti** | • Nuża l-punteġġjatura **b'mod konsistenti b'xi nuqqasijiet żgħar**. | • **Nuża dejjem** il-punteġġjatura fejn meħtieġ. |
| **4. L-istruttura tas-sentenza** | | | |
| **0-1** | **2-3** | **4** | **5** |
| • Is-sentenzi għandhom struttura ħażina u **ma jinftehmux** | • Is-sentenzi għandhom żbalji fl-istruttura u **jinftiehmu bi tbatija.** | • Xi sentenzi għandhom struttura tajba u oħrajn għandhom xi żbalji u **għalkemm jinftiehmu mhumiex dejjem ċari biżżejjed.** | • Is-sentenzi għandhom struttura tajba, huma **ċari u jinftiehmu** |
| **Total minn 20**<br><br>**marka**____________________ | | ____________________<br>**Firma tal-għalliem/a** | |

| Tqabbil tal-Marki mad-Deskritturi tal-Kisbiet |
|---|
| **0 - 5 marki** - Kisba mhux milħuqa |
| **6 – 10 marki** - Kisba parzjalment milħuqa |
| **11 – 15-il marka** - Kisba milħuqa b'mod sodisfaċenti |
| **16 - 20 marka** - Kisba milħuqa b'mod sħiħ |